MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru. 424/2012

Il-Pulizija
(Sp Arthur Mercieca u Sp Priscilla Caruana)
vs
Yurgen Gauci, iben Nazzareno, imwieled Pieta' fit-22 ta' April, 1992, karta ta' l-identita numru 279392(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fil-11 ta' April, 2012 għal ħabta tal-4.30 p.m. ġewwa l-appartament numru 6, Qasam Ħal-Tmien, Blokk M, Żejtun mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ħuh u cioe' Edmond Gauci minn Ħal-Qormi, skont kif iċċertifika Dr. Amanda Bartolo M.D. mill-Isptar Mater Dei;
2. talli fl-istess data, lok u ħin ħebb għal Edmond Gauci u dan sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra l-piena stabbilita għal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' ta' Edmond Gauci.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju, 2012 fejn, ħu l-imputat, Edmond Gauci ħafer lill-imputat.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 216(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali netta u il-maħfra ta' ħuh. Tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------